# Konservazzjoni u Restawr fuq il-pittura tal-Immakulata Kunċizzjoni minn PrevArti

## *Xogħol Pietro Paolo Caruana*

Andrei Azzopardi
*BA (Hons) History of Art*



Il-konservazzjoni u r-restawr fuq il-pittura titulari ġewwa l-Knisja Parrokkjali ta' Cospicua li juru l-*Immakulata Kunċizzjoni* (1828) xogħol l-artist Malti Pietro Paolo Caruana (1794-1852) ġie mwettaq minn PrevArti. Kmieni fil-karriera ta' Caruana, wara t-tluq tiegħu minn Malta, huwa kien espona ruħu għall-kultura artistika vibranti f'Ruma. Caruana rawwem sensibilità lejn l-influwenza ta' Tommaso Minardi (1787-1871) u l-*Puristi* ġewwa Ruma u din l-influwenza tinħass fil-pittura tal-*Immakulata Kunċizzjoni*.

Qabel tfassal il-proċess ta' konservazzjoni ġie nnutat li t-tilar tal-injam kien soġġett għal infestazzjoni qawwija tal-insetti. Il-kolla li ntużat biex tweħħlet tila oħra fuq wara tat-tila oriġinali f'intervent preċidenti kienet il-kawża prinċipali għall-infestazzjoni tal-insetti. Numru ta' deformazzjonijiet inħolqu minħabba l-propertajiet igroskopiċi tat-tila u minħabba n-natura sensittiva tat-tila meta tiġi esposta għall-bidla fil-livelli ta' umdità u temperatura. Barra minn hekk, il-marġini tat-tarf tal-pittura li kienet qed torbot it-tila mat-tilar kienu fraġli ħafna u ma setgħux jappoġġjaw il-piż tat-tila. Il-wiċċ tal-pittura kienet miksija bit-trab li kien akkumula matul is-snin u



flimkien mal-verniċ li kien sfar, ikkawża l-pigmenti oriġinali biex ma jibqgħux cari u jinqraw sew. Madankollu l-irtokk li sar minn interventi tal-passat kien innotat taħt id-dawl UV u l-fotografija IR. Dan l-irtokk tneħħa waqt il-proċess tat-tindif tal-pittura.



Il-konservazzjoni u r-restawr li twettqu minn Prevarti kienu t-tneħħija tat-tila li tweħħlet minn wara, it-tindif tal-wiċċ tal-pittura u l-wara tat-tila oriġinali, u t-tfassil tat-tila fuq qafas ġdid. Wara numru ta' testijiet ta' tindif, il-wiċċ ġie mnaddaf mit-trab li nġema' kif ukoll mill-irtokk li kien sar fil-passat sabiex jiżvela l-ilwien u l-istat oriġinali taż-żebgħa. Finalment it-tila setgħet tiġi mwaħħla fuq tila ġdida fuq 'low-pressure vacuum table' biex tissaħħaħ. Din il-mejda għandha l-vantaġġ li tippreserva d-daqqiet tal-pinzell oriġinali mill-artist. Wara li l-pittura ġiet ristrutturata fuq qafas ġdid, telf żgħir taż-żebgħa ġie riġenerat fejn meħtieġ bl-użu ta' 'varnish colours' u ntużat teknika ta' 'puntini e tratteggio' li mill-viċin tista' tingħaraf iżda mill-bogħod il-pittura tidher intatta.

Ix-xogħol ta' Pietro Paolo Caruana fetaħ ix-xena tal-arti f'Malta għal influwenza ġdida, dak ta' Minardi. Il-pittura tal-*Immakulata Kunċizzjoni* issa tinsab fi stat stabbli u b'hekk tista' tiġi apprezzata u studjata b'intenzjoni akbar għaż-żmien li ġej.


